

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 84 A



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

6 ta' Marzu 2018

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Qorti tal-Awdituri

2018/C 084 A/01

Avviż ta' post battal ECA/2018/1 — Post (1) ta' Direttur — Awditjar — (Grupp tal-funzjoni AD, grad 14)

1

MT

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-QORTI TAL-AWDITURI

AVVIŻ TA' POST BATTAL ECA/2018/1

Post (1) ta' Direttur — Awditjar

(Grupp tal-funzjoni AD, grad 14)

(2018/C 084 A/01)

MIN AĦNA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ibbażata fil-Lussemburgu, hija l-istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea stabbilita bit-Trattat biex twettaq l-awditjar tal-finanzi tal-UE. Bħala l-awditur estern tal-UE, hija tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u taġixxi bħala gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini.

Matul l-awditi tagħha, il-Qorti teżamina l-ġbir u l-użu tal-fondi tal-UE. Hija teżamina jekk it-tranżazzjonijiet finanzjarji jkunux ġew irreġistrati u ddivulgati korrettament, implimentati bil-legalità u r-regolarità dovuti, u mmaniġġjati b'mod ekonomiku, effiċjenti u effettivi. Il-Qorti tippubblika r-riżultati tal-awditi tagħha f'rapporti ċari, rilevanti u oġġettivi. Hija tifformula wkoll opinjonijiet dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ġestjoni finanzjarja.

Il-Qorti tippromwovi obbligu ta' rendikont u trasparenza akbar, u tassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, b'mod partikolari matul il-proċedura ta' kwittanza. Hija impenjata li taħdem b'mod effiċjenti fuq il-quddiem nett tal-progress fl-awditjar u fl-amministrazzjoni tas-settur pubbliku.

Il-Qorti hija organizzata f'Awli tal-awditjar. Għandha struttura organizzazzjonali "bbażata fuq il-kompiti", bil-membri tal-persunal assenjati fi gruppi li minnhom jintgħażlu biex jiġu assenjati għad-diversi Awli fuq bażi ta' prijetà.

Għal iktar informazzjoni dwar il-qafas legali tal-Qorti, inklużi r-Regoli ta' Proċedura tagħha u r-regoli għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-Regoli ta' Proċedura, nitolbuk iżżur is-sit web tagħna: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/LegalFramework.aspx>

X'QEGĦDIN NOFRU

Aħna qegħdin infittxu li nirreklutaw persuna għall-post (1) ta' Direttur.

Id-Direttur jagħti rendikont lill-Awla u jassisti lill-Membri tagħha fit-twettiq tal-kompiti tal-awditjar. Ir-responsabbiltajiet tiegħu jinkludu: l-immaniġġjar tal-persunal u tar-riżorsi finanzjarji; l-ipprogrammar, il-monitoraġġ u r-rappurtar; l-għoti ta' appoġġ u għarfien ta' kwalità; u l-iżgurar tas-superviżjoni u l-kontroll tal-awditjar. Id-Direttur jiżgura li l-kompiti kollha li jiġu fdati lilu jitwettqu kif xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-Qorti u l-istandards tal-awditjar.

Il-Qorti ddeċidiet li tniedi din il-proċedura ta' reklutaġġ għal post (1) ta' Direttur (AD14) fl-awditjar fuq il-bażi tal-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ir-"Regolamenti tal-Persunal"). Sabiex l-Awtorità tal-Ħatra jkollha għażla akbar ta' kandidati, il-proċedura se ssir b'mod parallel ma' proċeduri ta' reklutaġġ interni u interistituzzjonali.

Ir-reklutaġġ se jsir fil-grad AD 14. Is-salarju bażiku ta' kull xahar ikun ta' EUR 14 303,51. Skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal, ċerti allowances jistgħu jiġu miżjudha mas-salarju bażiku, li huwa suġġett għat-taxxa tal-UE u huwa eżentat mit-taxxa nazzjonali.

X'QEGĦDIN INFITTXU

Biex ikunu jistgħu japplikaw għal dan il-post, l-applikanti jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin sad-data ta' għeluq tal-applikazzjoni:

Kundizzjonijiet ġenerali

- ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- ikunu intitolati għad-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini;
- ikunu wettqu kull obbligu impost fuqhom mil-liġijiet fir-rigward tas-servizz militari.

Kundizzjonijiet speċifiċi

1. Kwalifiki

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-applikanti jrid ikollhom:

- livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kkompletati u ċertifikati b'lawrja meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar, jew
- livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji kkompletati u ċertifikati b'lawrja, kif ukoll esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin, jew
- fejn ikun iġġustifikat fl-interessi tas-servizz, livell ekwivalenti ta' taħriġ professjonali.

2. Esperjenza professjonali

Esperjenza professjonali rilevanti u ddokumentata ta' mill-inqas 15-il sena, preferibbilment f'livell internazzjonali, wara l-kisba tal-kwalifika msemija hawn fuq; u esperjenza ta' mill-inqas erba' snin f'pożizzjonijiet manġerjali b'responsabbiltà fuq il-persunal. B'mod partikolari, tinħtieġ esperjenza soda u ddokumentata fl-awditjar (inklużi l-ippjanar, is-superviżjoni, il-kontroll tal-kwalità, u r-rappurtar relatati mal-awditjar).

3. Għarfien

Għarfien eċċellenti tal-istandards u l-metodoloġija tal-awditjar, kemm fil-qasam tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità kif ukoll f'dak tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Għarfien tajjeb tal-awditjar tal-finanzi pubbliċi tal-UE u l-awditjar tas-settur pubbliku.

Għarfien tajjeb tal-Ingliż u tal-Franċiż huwa essenzjali għal raġunijiet operazzjonali, peress li dawn huma l-lingwi ta' ħidma tal-Qorti. Il-livell minimu meħtieġ huwa ta' C1 fil-fehim, l-espressjoni orali u l-kitba f'waħda miż-żewġ lingwi, u ta' B2 fl-istess kategoriji għal-lingwa l-oħra. L-għarfien ta' lingwi oħra jkun ta' vantaġġ. Sabiex tistabbilixxi l-livell tal-kompetenzi lingwistiċi tiegħek, nitolbuk tikkonsulta s-sit web:

<http://europass.cedefop.europa.eu/resources/european-language-levels-cefr>

4. Ħiliet

(i) Il-kapaċità li jfasslu u jimplimentaw strateġija, u li jistabbilixxu oġġettivi u miri u li jirrappurtaw dwarhom; (ii) ħiliet ta' komunikazzjoni u negozjar u l-kapaċità li jaħdmu mal-partijiet interessati; (iii) għarfien eċċellenti tal-prattiki ta' manġment; u (iv) ħiliet interpersonali eċċellenti.

POLITIKA TA' REKLUTAĠĠ

POLITIKA TA' OPPORTUNITAJIET INDAQS

F'konformità mal-politika tal-Qorti dwar opportunitajiet indaqs u l-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Qorti tħaddan id-diversità u tippromwovi opportunitajiet indaqs. Il-Qorti taċċetta applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi u tieħu passi biex tiżgura reklutaġġ ibbilanċjat ta' rġiel u nisa, kif meħtieġ mill-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minħabba r-rappreżentanza baxxa ta' nisa fil-livelli għoljin ta' manġment, **il-Qorti tinkoraġġixxi b'mod partikolari applikazzjonijiet għal din il-pożizzjoni minn kandidati nisa.** Fil-każ ta' kwalifiki jew mertu indaqs, tintgħażel kandidata mara. Il-Qorti tieħu wkoll miżuri li jippermettu r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol ma' dik persunali.

Jekk tkun teħtieġ arranġamenti speċjali (għal diżabbiltà speċifika) biex tkun tista' tiegħu sehem f'din il-proċedura tal-għażla, nitolbuk tibgħat email fi żmien xieraq lil ECA-Recrutement@eca.europa.eu

PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA

F'konformità mad-Deċizzjoni tal-Qorti Nru 31-2015 dwar il-proċeduri għall-għażla ta' maniġers prinċipali u diretturi, se jiġi stabbilit Bord ta' Preselezzjoni.

Il-Bord se jeżamina l-kandidati fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fl-avviż ta' post battal u skont il-proċedura li ġejja:

- (a) Huwa inizjalment se jeżamina u jqabbel il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali, l-għarfien u l-ħiliet tal-kandidati eliġibbli kollha fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet tagħhom. Il-Bord imbagħad se jagħżel l-10 kandidati li jkunu l-iktar adatti fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni komparattiva.

Peress li din l-ewwel selezzjoni hija bbażata fuq valutazzjoni komparattiva, l-issodisfar tal-kriterji stipulati f'dan l-avviż ta' post battal ma jggarantix ammissjoni għall-fażi li jmiss tal-proċedura.

- (b) Il-Bord imbagħad jeżamina l-aħjar 10 kandidati fuq il-bażi ta' test bil-miktub (studju ta' każ) u intervista.

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu, il-Bord jagħmel lista tal-kandidat(i) li jitqies(u) bħala l-iktar kwalifikat(i) għall-post.

Il-Bord ta' Preselezzjoni jista' jwettaq kontrolli biex jiżgura li l-istudji ta' każ ippreżentati minn kull kandidat ma jkun fihom evidenza ta' plaġjariżmu.

Fuq il-bażi tar-rapport tal-Bord, il-Qorti mbagħad tadotta deċizzjoni għall-ħatra ta' kandidat.

PREŻENTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

L-applikazzjonijiet iridu jkunu miktuba bl-Ingliż jew bil-Franċiż u jintbagħtu biss permezz tal-formola online li tinstab fl-avviż ta' post battal ippubblikat fuq is-sit web tal-Qorti:

http://www.eca.europa.eu/mt/Pages/JobOpportunities.aspx#page-search/index/lang/en_US

L-applikazzjonijiet iridu jinkludu d-dokumenti li ġejjin (kollha bl-Ingliż jew bil-Franċiż):

- ittra ta' motivazzjoni (**mhux itwal minn paġna waħda**);
- CV aġġornat, ibbażat fuq il-mudell “**Europass curriculum vitae**” u li jispeċifika dati eżatti (**mhux itwal minn tliet paġni**);
(ara <http://europass.cedefop.europa.eu>);
- il-lista mehmūza ta' informazzjoni addizzjonali;
- id-dikjarazzjoni formali mehmūza, ikkompletata, iffirmata u datata kif meħtieġ.

Kull applikazzjoni li ma ssegwix strettament dawn l-istruzzjonijiet ma tiġix ikkunsidrata.

Id-data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet hija l-10 ta' April 2018 f'nofsinhar (ħin tal-Lussemburgu).

Fuq talba, il-kandidati jridu jipprovdu dokumenti ta' sostenn relatati mal-istudji, l-esperjenza professjonali u l-post attwali tagħhom.

PROTEZZJONI TAD-DATA

Il-Qorti hija impenjata li tiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ bid-Deċizzjoni Nru 77-2006 tal-Awtorità tal-Ħatra li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-politiki tar-riżorsi umani.

Għal iktar informazzjoni, ara l-istqarrija ta' privatezza speċifika għal postijiet tax-xogħol battala li tinsab fl-indirizz li ġej: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/Specific_Privacy_Statement_vacancies/Specific_Privacy_Statement_vacancies_MT.PDF

TALBIET GĦAL REVIŻJONI — ILMENTI U APPELLI — ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Jekk, f'xi stadju fil-proċedura tal-għażla, inti tqis li xi deċiżjoni tkun affettwatek ħażin, tista' tuża l-mezzi li ġejjin:

I. Talba għal reviżjoni tad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-Bord ta' Preselezzjoni

Fi żmien 10 ijiem mid-data ta' notifika tad-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Bord, inti tista' tippreżenta bil-miktub, talba motivata għal reviżjoni ta' din id-deċiżjoni, fl-indirizz li ġej:

ECA-Recours@eca.europa.eu

II. Ilmenti

Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, inti tista' tippreżenta lment kontra d-Deċiżjoni tal-Qorti li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħek fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika ta' dik id-deċiżjoni, fl-indirizz li ġej:

European Court of Auditors

12, rue Alcide De Gasperi

1615 Luxembourg

LUXEMBOURG

III. Appell ġudizzjarju

Skont l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, jekk l-ilment tiegħek jiġi rifjutat u din id-deċiżjoni taffettwak ħażin, tista' tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan l-appell irid jitressaq minn avukat fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-ilment.

IV. Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew

Jekk inti tqis li t-trattament tal-applikazzjoni tiegħek kien jinvolvi amministrazzjoni ħażina mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, tista' tressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew, wara li l-ewwel tkun ikkuntattajt lill-Qorti bl-għan li ssolvi t-tilwima. Inti trid tressaq l-ilment tiegħek bil-miktub fi żmien sentejn minn meta ssir taf bil-fatti rilevanti. Formola elettronika tal-ilmenti hija disponibbli fuq is-sit web tal-Ombudsman Ewropew. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Ombudsman Ewropew ma jirriżultax f'sospensjoni tad-dati ta' skadenza tal-perjodu li fih jista' jsir l-appell, kif indikati hawn fuq.

List of additional information regarding my application:**YES NO**

1. Are you proficient in any languages other than English and French?
If so, please specify: ☐ YES ☐ NO
2. Please list the audit tasks you have been responsible for in the last four years:
3. Have you acquired any professional experience at international level?
If so, please provide details: ☐ YES ☐ NO
4. Your level of managerial responsibility (including responsibility for appraising and training staff and managing their time):
- (a) How many people work under you?
- ☐ fewer than 20
- ☐ between 20 and 50
- ☐ more than 50
- (b) How many higher managerial levels do you currently report to?
- ☐ one
- ☐ two
- ☐ more than two
5. Have you ever been responsible for budgetary management?
If so, please provide details and specify the amounts involved. ☐ YES ☐ NO
6. How many times a year do you give an oral presentation to a large audience?
- ☐ fewer than 5
- ☐ between 5 and 10
- ☐ more than 10
- Please provide a reference that can be consulted on the internet.
7. Provide a list of articles that you have published on audit, public finances, EU governance or other relevant fields ☐ YES ☐ NO

FORMAL DECLARATION

THE CANDIDATE

Full name:

EU official:

☐ Yes (if so, please state your grade:)☐ No

Contact email:

Contact mobile telephone number:

I fulfil the following eligibility criteria (place a cross in the appropriate box):

YES NO

- | | | | |
|----|--|--------------------------|--------------------------|
| 1. | <p>— A level of education which corresponds to completed university studies attested by a diploma when the normal period of university education is four years or more, or</p> <p>— a level of education which corresponds to completed university studies attested by a diploma and appropriate professional experience of at least one year when the normal period of university education is at least three years, or</p> <p>— where justified in the interests of the service, professional training of an equivalent level.</p> | ☐ | ☐ |
| 2. | At least 15 years' proven relevant professional experience gained after obtaining the abovementioned qualification. | ☐ | ☐ |
| 3. | At least four years' experience in a managerial post with responsibility over staff. | ☐ | ☐ |
| 4. | Proven sound experience of audit (including audit planning, supervision, quality control, and reporting). | ☐ | ☐ |
| 5. | An excellent command of audit standards and methodology in the fields of financial and compliance audit and sound financial management. | ☐ | ☐ |
| 6. | Good knowledge of EU public finances and public-sector auditing. | ☐ | ☐ |
| 7. | <p>Sound knowledge of English and French.</p> <p>(a minimum of level C1 in understanding, speaking and writing in one language, and a minimum of B2 in the same categories for the other language);</p> | ☐ | ☐ |
| a) | specify your level of English: | | |
| | C1 | ☐ | ☐ |
| | or | | |
| | B2 | ☐ | ☐ |
| b) | specify your level of French: | | |
| | C1 | ☐ | ☐ |
| | or | | |
| | B2 | ☐ | ☐ |
| 8. | I have submitted an application, in English or French, which includes a letter of motivation (max. one page), an up-to-date 'Europass' CV (max. three pages), the list of additional information and this formal declaration, duly completed, signed and dated. | ☐ | ☐ |
| 9. | I am submitting my application before the deadline specified in the vacancy notice. | ☐ | ☐ |

I declare that:

- (i) I am a national of an EU Member State;
- (ii) I am entitled to my full rights as a citizen;
- (iii) I have fulfilled any obligations imposed on me by the recruitment laws concerning military service.

I undertake to provide copies of the following documents:

- proof of citizenship (identity card, passport, etc.),
- certificates for any qualifications required by this vacancy notice,
- where applicable, a certificate or contract of employment, and my last payslip.

I hereby declare that the information provided in this application (letter of motivation, 'Europass' CV, list of additional information and formal declaration) and in the attached documents is accurate and complete.

I am aware that my application will be rejected if I fail to submit the required documents (letter of motivation, 'Europass' CV, list of additional information and this formal declaration, all in English or French) as per the format and instructions specified in the vacancy notice.

Date:

Signature:

Liste d'informations complémentaires concernant ma candidature:

	OUI	NON
1. Maîtrisez-vous d'autres langues que l'anglais et le français? Si oui, veuillez préciser:	☐	☐
2. Veuillez énumérer les activités d'audit dont vous avez été responsable au cours des quatre dernières années:		
3. Avez-vous acquis de l'expérience professionnelle au niveau international? Si oui, veuillez développer:	☐	☐
4. Votre niveau de responsabilités en management (y compris en ce qui concerne l'évaluation d'agents, leur formation et la gestion de leur temps):		
a) Combien de personnes travaillent sous votre autorité?		
☐ moins de 20		
☐ entre 20 et 50		
☐ plus de 50		
b) Combien de niveaux hiérarchiques y a-t-il au-dessus de vous?		
☐ un		
☐ deux		
☐ plus de deux		
5. Avez-vous déjà exercé des responsabilités en matière de gestion budgétaire? Si oui, veuillez apporter des précisions et indiquer les montants gérés.	☐	☐
6. Combien de présentations orales assurez-vous devant un public nombreux chaque année?		
☐ moins de 5		
☐ entre 5 et 10		
☐ plus de 10		
Veuillez fournir une référence pouvant être consultée sur l'internet.		
7. Veuillez fournir une liste d'articles que vous avez publiés et qui portent sur l'audit, les finances publiques, la gouvernance de l'Union européenne ou sur d'autres thèmes pertinents.	☐	☐

DÉCLARATION SUR L'HONNEUR

LE CANDIDAT

Nom complet:

Fonctionnaire de l'Union européenne: ☐ Oui (veuillez préciser votre grade:)☐ Non

Adresse électronique:

Numéro de téléphone portable:

Je remplis les critères d'admissibilité suivants (veuillez cocher la case appropriée):

OUI NON

- | | | | |
|----|---|--|--|
| 1. | — Un niveau d'enseignement correspondant à un cycle complet d'études universitaires sanctionné par un diplôme lorsque la durée normale desdites études est de quatre années ou plus, ou
— un niveau d'enseignement correspondant à un cycle complet d'études universitaires sanctionné par un diplôme et une expérience professionnelle appropriée d'une année au moins lorsque la durée normale desdites études est de trois années au moins, ou

— lorsque l'intérêt du service le justifie, une formation professionnelle de niveau équivalent. | ☐ | ☐ |
| 2. | Au moins quinze ans d'expérience professionnelle attestée, en rapport avec les fonctions à remplir, après l'obtention de l'une des qualifications susmentionnées. | ☐ | ☐ |
| 3. | Au moins quatre ans d'expérience dans un emploi de manager comportant des responsabilités d'encadrement de personnel. | ☐ | ☐ |
| 4. | Une expérience attestée et concluante de l'audit (y compris la planification, la supervision, le contrôle qualité et l'établissement de rapports). | ☐ | ☐ |
| 5. | Une excellente connaissance des normes et méthodes en matière d'audit financier et de conformité, et de bonne gestion financière. | ☐ | ☐ |
| 6. | Une bonne connaissance des finances publiques de l'Union européenne et de l'audit du secteur public. | ☐ | ☐ |
| 7. | Une bonne connaissance de l'anglais et du français
(Compréhension ainsi qu'expression écrite et orale correspondant au moins au niveau C1 pour l'une de ces deux langues et, pour l'autre, au moins au niveau B2.) | ☐ | ☐ |
| a) | Indiquez votre niveau d'anglais:

C1
ou
B2 | ☐

☐ | ☐

☐ |
| b) | Indiquez votre niveau de français:

C1
ou
B2 | ☐

☐ | ☐

☐ |
| 8. | J'introduis une candidature, rédigée en français ou en anglais, comprenant une lettre de motivation (une page maximum), un curriculum vitae «Europass» à jour (trois pages maximum), la liste d'informations complémentaires et la présente déclaration sur l'honneur, dûment remplie, datée et signée. | ☐ | ☐ |
| 9. | Je dépose ma candidature avant la date limite indiquée dans l'avis de vacance. | ☐ | ☐ |

Je déclare que:

- i) je suis ressortissant d'un État membre de l'Union européenne;
- ii) je jouis de mes droits civiques;
- iii) je suis en situation régulière au regard des lois de recrutement applicables en matière militaire.

Je m'engage à fournir des copies des documents suivants:

- certificat de nationalité (carte d'identité, passeport, etc.),
- diplômes attestant des qualifications requises conformément à l'avis de vacance,
- le cas échéant, certificat ou contrat de travail et dernière fiche de paie.

Par la présente, je déclare que les informations fournies dans cette candidature (lettre de motivation, CV «Europass», liste d'informations complémentaires et déclaration sur l'honneur) ainsi que dans les documents ci-joints sont exactes et complètes.

J'ai conscience du fait que ma candidature sera rejetée si je ne fournis pas l'ensemble des documents exigés (lettre de motivation, CV «Europass», liste d'informations complémentaires et déclaration sur l'honneur, tous ces documents étant rédigés en français ou en anglais) conformément aux spécifications (format et instructions) de l'avis de vacance.

Date:

Signature:

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT